

Wara li fakkar li huwa jitlob il-klassifika fil-grad AD 8 fil-kuntest tal-kawża F-76/05 ⁽¹⁾, ir-rikorrent jinvoka l-ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, peress li l-fatt li jipprovi għall-pożizzjoni in kwistjoni jkollu l-effett li jtellfu l-kwalità attwali ta' kap tal-qasam "sigurtà esterna/protezzjoni tal-missjonijiet", favur il-kundidat li ser jintagħżel.

Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni l-ksur ta' l-interess tas-servizz, inkwantu l-kundizzjoni ta' grad mitluba fl-avviż ta' post vakanti ma jippermettilux li jressaq il-kandidatura tiegħu, minkejja l-fatt li huwa l-persuna l-iktar adattata sabiex taqdi l-funzjonijiet imsemmija fl-avviż ta' post vakanti. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni ma spjegatx x'inhu l-interess tas-servizz li jiġ-ġustifika deroga għall-Artikolu 31(2) tar-Regolament tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, li jgħid li l-uffiċjali huwa impjegati fil-grad AD 5 sa AD 8.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li l-amministrazzjoni kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 281 tat-12.11.2005, p. 23 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-302/05 u ttrasferita quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza b'digriet tal-15.12.2005).

Rikors ippreżentat fil-1 ta' Ottubru 2007 — Tsirimiagos vs Il-Kumitat tar-Regġuni

(Kawża F-100/07)

(2007/C 269/133)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Kyriakos Tsirimigos (Kraainem, il-Belġju) (rappreżentant: M. -A. Lucas, avukat)

Konvenut: Il-Kumitat tar-Regġuni ta' l-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2006 tad-Direttur ta' l-Amministrazzjoni tal-KTR sabiex jiġu rkuprati l-ammonti li kienu tħallsu lilu skond il-koeffiċjent korrettur fuq il-parti ta' l-emolumenti tiegħu ittrasferiti fi Franza minn April 2004 sa Mejju 2005, għal ammont ta' EUR 2 120,16;
- tannulla safejn huwa meħtieġ id-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2007 li tiċħad l-ilment amministrattiv tiegħu tal-21 ta' Frar 2007 kontra d-deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2006, safejn din tikkonferma l-irkupru għal ammont ta' EUR 2 038,16;

- tordna lill-Kumitat tar-Regġuni tħallsu lura s-somma ta' EUR 2 038,61 imnaqqsa fuq ir-remunerazzjoni tiegħu, miżjuda b'interessi għad-dewmien b'rata ta' 8 % fis-sena mill-1 ta' Diċembru 2006, data ta' l-irkupru u sal-ħlas komplut.
- tordna lill-Kumitat tar-Regġuni ta' l-Unjoni Ewropea jbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motivi simili ħafna għal dawk invokati fil-kuntest tal-kawża F-59/07 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 199, 25.8.2007, p. 51.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2007 — Cova vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-101/07)

(2007/C 269/134)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Philippe Cova (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Investita bis-Setgħa tal-Ħatra, tad-29 ta' Ġunju 2007, safejn ma taġġudikax il-premju għat-tmexxija skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Persunal għal perijodu ta' iktar minn sena,
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

1. Ksur ta' l-Artikolu 7(2) tar-RP mill-Awtorità Investita bis-Setgħa tal-Ħatra:
- l-għan ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Persunal huwa li jassigura l-kontinwità mingħajr xkiel tas-servizz meta jkun hemm pożizzjoni battala; skond it-tifsira t-tajba ta' din id-dispożizzjoni, l-okkupazzjoni temporanja ta' pożizzjoni għandha tkun qasira kemm jista' jkun u għal din ir-raġuni l-Amministrazzjoni hija mħeġġa bil-liġi sabiex tipproċedi mingħajr dewmien għat-terminazzjoni tal-pożizzjoni temporanja permezz ta' nomina ta' Kap tad-Diviżjoni għal din il-pożizzjoni.